MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 788/2008

**Saviour J. Camilleri (ID Card No 935044M)**

**vs**

**Aplan Limited (C 2450)**

**It-Tribunal,**

**Ra** li din il-kawza tirrigwarda danni li qed jitlob l-attur minghand is-socjeta' konvenuta wara **ncident** li kellu fl-edifizju tan-negozju tas-socjeta' msemmija meta *microwave oven* tal-attur safa mkisser. Dana sehh fil-25 ta' Ottubru 2006.

**Talba**

**Ra**, t-talba tal-attur biex dan it-Tribunal:

(1) Jiddikjara lis-socjeta' konvenuta unikament responsabbli ghall-incident.

(2) Jiddikjara lis-socjeta’ konvenuta responsabbli li thallsu d-danni.
(3) Jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallsu €908.45 in linea ta’ danni.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta’ konvenuta – bir-rapprezentanti taghha ingunti ghas-subizzjoni.

**<u>Risposta</u>**

**Ra**, li s-socjeta konvenuta rrespingiet it-talbiet billi:-

(1) Is-socjeta mhux responsabbli ghall-incident.
(2) Ma naqsietx mill-obbligi mposti fuqha mil-ligi.
(3) L-attur ghandu jispjega x’inhuma l-obligi li minnhom is-socjeta’ konvenuta naqset u trid issir prova tad-danni.
(4) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**<u>Provi</u>**

**A**

1. **<u>L-attur</u>** qal li kien xtara *microwave* minghand is-socjeta konvenuta li gratlu hsara fih meta kien ghadu taht garanzija. L-attur (assistant architect) esibixxa bhala Dok SC 1 pjanta (*a fol* 13) li hu ghamel tal-fond tas-socjeta’ u dana biex ix-xhieda tieghu tiftiehem ahjar.

L-attur spjega li hu mar jikkonsenja l-forn billi ghadda minn xi garage kif iddirigewh meta mar fl-ufficini. Meta mar ghall-konsenja tal-forn hallas fejn hemm “desks” fil-pjanta waqt li l-forn hareg fuq it-trolley fejn market “entrance from basement stores”. Ma kien hemm ebda ndikazzjoni ta’ **<u>targa</u>** (gholja xi tliet pulzieri) fejn hemm indikat STEP fil-pjanta.

2. Waqt li kien isuq it-trolley lejn il-lift x’hin qorob it-targa “hemmhekk it-trolley hadni” u l-forn waqa. Zied jispjega li apparti li fil-post ma kienx hemm marki tat-targa, l-iskala tal-kulur tal-madum hi l-istess bejn il-parti ta’ fuq u isfel. Billi l-forn inkiser qed jirreklama l-valur tieghu. Meta wara zar il-post sab li fil-post tal-incident kienu saru sinjali

li juru l-prezenza ta' targa u dana b'*tape* ikkulurit isfar u iswed.

3. Hawn l-attur esibixxa ittra li rcieva minghand l-avukat tas-socjeta' konvenuta – Dok SC 2 *a fol* 14. Is-socjeta cahdet responsabilta' ghall-incident: l-incident sehh meta t-trolley kien fil-kontroll tal-attur u ma kien hemm ebda nuqqas ta' xi obbligu minn naha tas-socjeta'; l-indikazzjoni li saret sussegwentement fil-post ma tfissirx ammissjoni ta' xi responsabilta'; gie wkoll offert rimedju temporanju assolutament *ex gratia*; fin-nuqqas ta' accettazzjoni l-attur kien mitlub imur jirtira l-forn danneggjat.

**B**

1. **<u>Angela Vella,</u>** *supervisor* fis-Servicing Department tas-socjeta' konvenuta qalet li soltu jmur il-klijent b'forn ghat-tiswija u meta din titlesta icemplulu biex jirtirah.

2. F'kaz ta' hlas, tinhareg ricevuta u f'kaz ta' garanzija il-klijent kemm jiffirma li ha l-oggett lura. L-oggett ikun fuq *trolley* u wahda mill-assistenti tmur dejjem mal-klijent sa ma dan johrog mill-ufficcju.

3. Ghalkemm dak li zviluppa fil-forn ma kienx taht garanzija, l-attur ma tax cans lill-assistenta li ggib ricevuta tal-hlas li kien ghamel izda telaq bit-trolley. Ix-xhud semghet hoss u meta marret tivverifika rat il-forn mal-art bil-hsara.

4. In kontro-ezami qalet li ma tistax tikkonferma dak li **<u>attwalment</u>** intqal bejn l-attur u l-assistenta.

**C**

1. **<u>Lino Apap,</u>** in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta ikkonferma l-"procedura" msemmija minn Angela Vella. Parti mix-xoghol tat-tfajliet hu li jwasslu l-oggett fuq it-trolley sa fejn jindikalhom il-klijent. Ghall-incident ma kienx prezenti.

2. In kontro-ezami qal li qabel l-incident mertu tal-kawza hu kellu rapport ta' *Health and Safety* tal-post

inkluz is-Service Department. Ikkonferma li wara ghamlu sinjali. Kien ilhom 8 snin joperaw minn hemm u qatt ma kellhom incident.

3. Ri-ezaminat qal li ma sarux sinjali qabel (1) ghax qatt ma kellhom incident qabel u (2) ghax qatt il-htiega ta' dan ma giet ndikata mill-*Health and Safety.* Wara l-incident *de quo* hu ghamel l-istess manuvra li ghamel l-attur bit-trolley u ma sehh ebda ncident.

Gew esibiti estratti mir-*Risk Assessment Programme* redatt mill-inginier Claude Farrugia (*a fol* 25 *et seq*) fejn giet ndikata bhala sezzjoni ta' nteress partikolari ghall-kaz dik indikata "slips, trips and falls".

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

1. In linea ta' principju f'post ta' negozju fejn ikun hemm sew impjegati kif ukoll membri tal-pubbliku, min hu responsabbli allura s-socjeta' konvenuta fil-kaz taht ezami, trid tipprovdi ambjenti bla periklu sew ghall-istaff kif ukoll ghall-pubbliku. Hawn irid jitqies li waqt li l-membri tal-istaff irabbu certa familjarita' mal-post il-pubbliku li jmur ghall-ewwel darba jew ftit drabi ma jkollux dik il-familjarita'.

2. Il-fatti tal-incident irrizultaw sew: l-attur mar ha *microwave* li kien xtara minghand is-socjeta' konvenuta minhabba xi difett li zviluppalu. Meta dan gie rimedjat l-attur mar jigbor il-forn lura. Dan kien fuq it-trolley u l-attur hareg bit-trolley u sab targa gholja xi tliet pulzieri li ma rahiex u t-trolley "hadu" u l-forn dgerbeb u nkiser.

3. Irrizulta:-
a) Li ghalkemm il-forn kien ghadu taht garanzija, dak id-difett li zviluppa ma kienx kopert bil-garanzija u ghar-rimedju l-attur hallas.
b) Qabel ma nghata ricevuta, hu telaq bit-trolley bla ma zammu hadd u bla ma qal xejn lil hadd.
c) Inghad li kellhom procedura li assistenta twassal it-trolley lill-klijent sa fejn dan ikun iridu – wiehed jifhem sa ma l-oggett il-klijent jitlaq bih b'vettura ecc. Izda l-fatt li l-attur ha u saq it-trolley hu ma kienx xi abbuz minn naha

tieghu ghax ma ngiebet ebda prova minn naha tas-socjeta' konvenuta li xihadd qalla b'din il-procedura u hu njoraha u ghamel ta' rasu. Anzi anqas ingiebet, mis-socjeta' konvenuta biex tixhed l-assistenza li kienet involuta fil-kaz u s-S*upevisor Attard* setghet titkellem biss fuq "procedura solita" bla ma taf x'diskors sata sar fil-kas in kwistjoni bejn l-assistenta u l-attur. Lill-attur anqas, minn naha tas-socjeta' konvenuta ma staqsewh, hu u jixhed, dwar dan. Da parti ta' Lino Apap, direttur, wasal biss li semma "procedura" ghax hu ma kienx fil-post meta gara l-incident.

4. Din il-"procedura" kienet att ta' kortesija lodevoli imma ma kienetx xi haga puntwalizzata u migjuba a konjizzjoni tal-klijent. Minn naha tal-klijent ma ra xejn barra minn loku li jwassal hu l-forn sa barra l-bini biex imbaghad jghabbih u jgorru hu. Jigifieri minn dan il-lat zgur li ma kienx xi kas ta' *volenti non fit injuria*.

5. L-attur xehed li l-kulur tal-art bejn fuq u taht, jigifieri bejn fuq u taht tat-targa ma kontx tiddistingwieh. Kien wara l-incident li saru sinjali b'*tape* kulur isfar u iswed li allura jattiraw l-attenzjoni ghall-pezenza ta' targa.

6. Lino Apap qal li s-sinjali ma sarux qabel (a) ghax fit-tmien snin ta' qabel qatt ma sar incident, (b) ir-rapport tal-*Health and Safety* ma ndikalhomx li kellhom jaghmlu dan is-sinjali u (c) meta hu rrepeta l-manuvra tal-attur it-trolley ma "hadux".

Il-fatt li qabel ma sarux incidenti mhux argument konklusiv ghax trid tara hemmx jew le periklu u hi esperjenza komuni li jkun hemm possibilita' ta'periklu ghal tul ta' zmien u mbaghad dak li qatt ma sar qabel isir f'hekka t'ghajn. Il-fatt li s-socjeta' konvenuta ma kienetx imgieghlha taghmel xi sinjali meta sariha r-rapport ma jfissirx li din hi prova konklusiva li ma kienx hemm periklu. Il-fatt tar-rapport juri sens ta' responsabilta' minn naha tas-socjeta' konvenuta izda dan ma kienx bizzejjed. Zgur li *in civilbus* jibqa **fuqha** d-dover li ma jkunx hemm periklu. Billi mbaghad Lino Apap jghid li hu ghamel l-istess manuvra li ghamel l-attur (speci *re-enactment*) u t-trolley

ma hadux, dan ma jfisser xejn ghax hu kien familjari mal-post u ga lest u attent ghalbiex kollox imur harir.

7. Is-socjeta' konvenuta riedet tqis li fil-hanut taghha jidhlu nies fi stat differenti ta' sahha, zveltezza, vista, ecc. Id-dmir li jkollok sikurta' **massima** fl-ambjenti kollha tal-post tan-negozju uzati mill-klijenti irid jiehu hsieb dan ukoll.

8. Hu floku li jigi citat dak li nsibu f'Calleja vs Fino, Prim'Awla tal-Qorti Civili, dec. 10.10.1980 li mhiex difiza tajba li makna kienet *in operation* u qatt qabel ma gara xejn. Din mhix prova li *the system is safe.* Fis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc **Agius vs Galea noe,** 11.07.1989 u dik tal-Qorti Civili tal-Appell **Galea vs Balzan noe,** 26.02.1993 issir referenza ghal dik l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u ghaqal mistennija f'xi cirkostanzi, u s-sid irid iqis dan. Naturalment dan kollu jghodd, *mutatis mutandis* ghal klijenti fi stabbiliment kummercjali.

9. L-attur b'ebda mod ma deher li kien xi wiehed imgerfex jew pruzuntuz jew li ntriga ghal xihaga li fic-car ma messux intriga ghaliha u allura f'dak il-kaz ghal dak li ssuccedielu kien ikun *imputet se ipse*.

**Konkluzzjoni**

Meta jqis kollox it-Tribunal ihoss li ghal dak li gara kienet tahti s-socjeta' konvenuta li messha ndunat minn qabel li dik it-targa kienet ta' periklu ghal min ma kienx midhla tal-post. Anzi l-incident sata kellu konsegwenzi aghar kieku wegga l-attur.

Dwar il-*quantum* mitlub wiehed irid iqis li l-forn kien ghadu taht il-garanzija u allura l-attur ghandu jircievi l-prezz shieh tieghu. L-istess socjeta' konvenuta ma qajjmet ebda dubbju serju dwar il-valur u dwar xi rikavat mill-forn danneggjat.

**DECIZJONI**

**It-Tribunal** in vista ta' dak kollu mfisser jiddeciedi billi:-

1. Jiddikjara li ghall-incident li fih tkisser il-*microwave* kienet responsabbli s-socjeta' konvenuta.
2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur, in linea ta' danni, il-*quantum* ta' disgha mija u tmien Ewro u hamsa u erbghin centesmi (€908.45c) bl-imghax mid-data tan-notifika tal-AVVIZ TAT-TALBA sal-jum tal-pagament effettiv.

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ispejjes tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------